MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2006

Numru 353/2005

**IL-PULIIZIJA**
**SPETTUR MARIA STELLA ATTARD**

**VS**

**PAUL MICALLEF**
**GEORGE CUSCHIERI**
**ANTHONY CUSCHIERI**
**GERANZIO CUSCHIERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Paul Micallef, ta' 42 sena, bin Frangesko Saaverio u Frangeska nee' Mifsud, imwieled is-Siggiewi nhar is-6 ta' April, 1963, residenti fil-fond numru 24, Narcis, Triq Salvu Mallia, Siggiewi, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 231163(M);

George Cuschieri, ta’ 61 sena, bin il-mejjet Anthony u Carmen nee’ Conti, imwieled Hal-Qormi nhar il-5 ta’ Mejju, 1944 residenti fil-fond numru 12, Triq il-Ghaqda, Hal-Qormi, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 1109644(M);
Anthony Cuschieri, ta’ 56 sena, bin il-mejjet Anthony u Carmela nee’ Conti, imwieled Hal-Qormi nhar il-31 ta’ Marzu, 1949, residenti fil-fond numru 99, Hasan, Guze’ Ellul Mercer, Qormi, detentur tal-karta tal-identita’ numru 328349(M);
U Geranzio Cushcieri, ta’ 54 sena, bin il-mejjet Anthony u Carmen nee’ Conti, imwieled Hal-Qormi nhar id-19 ta’ Mejju, 1950, residenti fil-fond imsejjah Gerin House, Triq id-Dielja, Hal-Qormi, detentur tal-karta tal-identita’ numru 466450(M)

Akkuzati talli:

1. Nhar it-18 ta’ April, 2005 wara s-7.00pm gewwa Hal-Qormi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe’ hwejjeg u oggetti ohra ghad-detriment ta’ John martu Josephine Desira, liema ammont totali huwa ta’ valur ta’ inqas minn Lm50.00 (hamsin lira maltin);

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe’ fuq vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni DBI 998 ghad-detriment ta’ Jason Schembri, liema ammont totali huwa ta’ valur ta’ inqas mnin Lm50.00 (hamsin lira maltin);

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-Ligi, izda biss biex jezercitaw jhedd li jippretendu li ghandhom ifixklu lill-familja Desira u l-ahwa fil-pussess ta’ hwejjegihom jew ihottu bini jew b’xi mod iehor kontra l-Ligi indahlu fi hwejjeg haddiehor;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ikkagunaw offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ John Desira, hekk kif iccertifika t-Tabib Alan

Drago MD gewwa l-Isptar San Luqa, skond l-Artikoli 216(b), u 216 (d);

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ikkagunaw offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Jason Schembri, hekk kif iccertifika t-Tabib Dr Alan Drago MD, gewwa l-Isptar San Luqa;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ikkagunaw offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Josephine Desira, hekk kif iccertifika t-Tabib Dr Alan Drago MD, gewwa l-Isptar San Luqa;

7. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkonstazi qalu fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti, jwe ghamlu gesti oxxeni jew b'xi mod iehor li mhux provdut f'dan il-Kodici, offendew il-morali u l-imgieba xieraq jew id-decenza pubblika;

8. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr ma darrbu jew sawwtu, heddu b'gebel jew hwejjeg ohra iebsin jew waddbu jew qabdu armi kontra l-imsemmi Michael Micallef;

9. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qalu kliem insulenti li jikkonsisti f'dagha;

10. U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi volontarjament kisru l-bon ordni u l-paci pubblika.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta;

Wara li rat l-Artikoli 325, 214, 216, 221, 338(bb), 338(dd), 339(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imsemmija imputati hatja tat-tielet (3) akkuza, u ghaldaqstant tilleberahom minnha.

Izda ssibhom hatja tal-akkuzi l-ohra kollha, izda tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tmintax(18)-il xahar;
Inoltre tornda lill-imputati jhallsu s-somma ta’ Lm33.00 (tlieta u tletin lira maltin), bhala danni sofferti minn Jason Schembri, u kif ukoll is-somma ta’ Lm47.00 (erbgha u sebghin lira maltin) bhala danni sofferti minn John u Josephine konjugi Desira, ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Barra minn hekk din l-istess Qorti tornda l-hrug ta’ garanzija a favur il-parti civile, hekk kif indikat fl-akkuza ghal zmien sena, taht penali ta’ Lm500.00 (hames mitt lira maltin), ai termini tal-Artikoli 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------